Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **10 ta' Novembru 2021**

**Kollezzjoni ta' fossili ġiet mgħoddija lil Heritage Malta**

Kollezzjoni ta' fossili ta' Żmien il-Kwaternarju (Żmien is-Silġ), li jmorru lura eluf ta' snin, ġiet mgħoddija uffiċjalment mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali lil Heritage Malta biex tkun inkluża fil-kollezzjoni nazzjonali.

Il-fossili, li jammontaw għal madwar 21 eżemplar, jinkludu għadam u snien ta' ljunfanti kif ukoll snien ta' ippopotami. Uħud minnhom kienu nstabu fl-inħawi magħrufa bħala Ta' Żuta, fil-limiti ta' Ħad-Dingli, kif ukoll f'Għar Dalam.

Il-fossili kienu se jiġu rkantati iżda ġew rekwiżizzjonati wara investigazzjoni mill-Pulizija. Issa se jsibu posthom kif jixraq fil-kollezzjoni nazzjonali, fejn ikunu jistgħu jiġu kkonservati, indokrati u aċċessati mill-pubbliku għal skop ta' riċerka.

Il-wirt kulturali ta' Malta ġie regolat b'mod statutorju fl-1910 permezz tal-Ordinanza għall-Ħarsien tal-Antikitajiet, li ġiet sostitwita fl-1925 mill-Att dwar il-Ħarsien tal-Antikitajiet. Fl-2002 daħal fis-seħħ l-Att dwar il-Wirt Kulturali, aġġornat fl-2019, li jgħid li kull min isib oġġetti ta' valur ta' wirt kulturali, anke b'kumbinazzjoni, hu obbligat li jgħarraf immedjatament lir-regolatur nazzjonali.